**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 17 ta' Lulju 2023**

**Rikors Numru 26/2023**

**Tano (Gaetano) Farrugia**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Tano (Gaetano) Farrugia** ippreżentat ft-2 ta' Marzu 2023, li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. *Illi referenza qed issir għall-ittra datata nhar il-31 ta' Jannar, 2023, liema ittra ir-rikorrent irċieva nhar l-1 ta' Frar, 2023 (Ara dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok: ''A'').*
2. *Illi l-ittra tagħmel referenza għal-liċenzja ta' Gwardjan Privat tiegħu numru 15172.*
3. *Illi bl-ittra li ntbagħtet lir-rikorrenti, huwa ġie avżat illi l-liċenzja tiegħu ta' Gwardjan Privat kienet qed tiġi rtirata skond Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta.*
4. *Illi l-konvenut informa lill-attur illi din id-deċiżjoni kienet ittieħdet wara sentenza li ġiet mogħtija mill-Qorti Kriminali – Ir-Repubblika ta' Malta vs Ahmed El Fadali Enan, nhar it-tnejn u għoxrin (22) t'April tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022).*
5. *Illi primarjament il-Kummissarju tal-Pulizija ma setax jieħu tali deċiżjoni għaliex is-sentenza li l-Kummissarju semma' kienet sentenza li ma kinitx fil-konfront tar-rikorrenti.*

6. *Illi oltre minn hekk, il-każ li għandu x'jaqsam ma' Tano (Gaetano) Farrugia huwa każ illi ma ġiex kommess fil-gżejjer Maltin.*
7. *Illi di piu, il-każ fil-konfront ta' Tano (Gaetano) Farrugia għadu sub-judice quddiem il-Qrati Maltin, u ċioe' quddiem il-Maġistrat, Dr. Rachel Montebello LL.D.*
8. *Illi għalhekk Tano (Gaetano) Farrugia għadu preżunt innoċenti għaliex għad ma hemmx deċiżjoni fil-konfront tiegħu.*
9. *Illi l-gravità tal-każ waħedha bħala raġuni, ma hijiex suffiċjenti sabiex timmerita ż-żamma tal-liċenzja ta' Gwardjan Privat tar-rikorrent.*
10. *Illi l-Kummissarju tal-Pulizija ma kellu l-ebda bażi legali sabiex jieħu d-deċiżjoni li jirtira l-liċenzja ta' Gwardjan Privat tar-rikorrenti.*
11. *Illi l-Kummissarju tal-Pulizija għalhekk ħa din id-deċiżjoni bbażata fuq informazzjoni trasmessa mill-media.*
12. *Illi Tano (Gaetano) Farrugia għandu kondotta netta. (Ara dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok: ''A'' u Dok: ''B'').*
13. *Illi Tano (Gaetano) Farrugia kien ġab il-liċenzja ta' Gwardjan Privat fis-sena xxx.*
14. *Illi bħala Gwardjan Privat (Tano) Gaetano Farrugia huwa dejjem għamel xogħol b'għaqal u responsabilità u qatt ma kellu problemi.*
15. *Illi Tano (Gateano) Farrugia jaqla' l-għejxien tiegħu biss mix-xogħol tiegħu bħala Gwardjan Privat.*
16. *Illi Tano (Gaetano) Farrugia jixtieq li jkompli jaħdem bħala Gwardjan Privat sabiex ikun jista' jgħix u jaqdi l-bżonnijiet tal-ħajja personali tiegħu.*
17. *Illi għalhekk Tano (Gaetano) Farrugia huwa fl-umli fehma illi meta l-Kummissarju tal-Pulizija ħa tali deċiżjoni, huwa kien skorret.*
18. *Illi, għalhekk Tano (Gaetano) Farrugia jixtieq illi l-liċenzja tiegħu ta' Gwardjan Privat terġa' toħroġ sabiex b'hekk ikun jista' jaħdem f'dan is-settur.*
19. *Illi finalment ir-rikorrent li jħossu aggravat meta l-Kummissarju tal-Pulizija ħa d-deċiżjoni li jirtiralu l-liċenzja tiegħu ta' Gwardjan Privat bin-numru 15172.*

*Minħabba f'dan u sal għall-kwistjonijiet ta' dritt ta' mertu li jistgħu joħorġu waqt is-smigħ tal-Appell, stante illi qed tkun riżervata t-talba għar-rapport u dokumeni oħra kif ukoll id-dritt li jitressqu provi u argumenti ulterjuri sabiex jissostanzja l-aggravji tagħhom, ir-rikorrenti bit-rispett jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex:*

1. *Jiddikkjara illi l-Kummissarju ntimat m'għandu ebda raġunijiet validi skond il-liġi għaliex jirtira l-liċenzja tar-rikorrent ta' Gwardjan Privat bin-numru 15172.*

2. *Jiddikkjara d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija hija nfondata u/jew skorretta u bla bażi fattwali u legali;*

3. *Jordna d-deċiżjoni de quo tiġi ddikjarata nulla u/jew invalida u konsegwentement tkun revokata, imħassra u kkanċellata in toto;*

4. *Tordna lill-Kummissarju ntimat jerġa' joħroġ liċenzja ta' Gwardjan Privat bin-numru 15172 ta' Tano (Gaetano) Farrugia;*

5. *Tordna li l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jiġu sopportati interament mill-Kummissarju tal-Pulizija.*

Ra r-risposta **tal-Kummissarju tal-Pulizija** ppreżentata fit-22 ta' Marzu 2023, li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:-

1. *Illi in linea preliminari, dan l-appell huwa null peress li ġie preżentat fuori termine. Ai termini tal-**artikolu 11(3) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta** l-appellant għandu żmien xahar kalendarju sabiex jintavola rikors quddiem dan l-Onorabbli Tribunal. Ir-rikorrent irċiva l-avviż ta' irtirar tal-liċenzja ta' Gwardjan Privat fl-1 ta' Frar 2023 iżda dan l-appell ġie intavolat fit-2 ta' Marzu 2023 u għaldaqstant huwa tardiv;*

2. *Illi subordinament, l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jeċċepixxi illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi a kuntrarju ta` dak li qed jingħad mir-rikorrent, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-istess esponent li jirtira l-liċenzja ta` gwardjan privat skont dak kontemplat fl-**artikolu 13(1) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta** abbażi tar-raġunijiet imsemmija fl-**Artikolu 10(a)(i) u 10(b) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta**, kif se jiġi spjegat f'din ir-risposta u kif se jkun b'mod aħjar muri u spjegat fil-mori tas-smigħ ta' din il-kawża;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, huwa opportun li jiġu elenkati l-fatti saljenti għal dan il-każ:-*

    a. *Jirriżulta illi fl- 2010 ir-rikorrent ġie arrestat ġewwa it-Tuneżija minħabba traffikar ta' droga tat-tip Cannabis u sussegwentement instab ħati u ġie kkundannat għal għoxrin sena ħabs effettivi ġewwa it-Tuneżija. Isegwi illi waqt li kien qiegħed jiskonta is-sentenza huwa inata maħfra presidenzjali fl- 2013 u sussegwentament huwa ġie lura Malta, u dan kif se jiġi aħjar ppruvat fil-mori ta' din il-kawża;*

    b. *Illi kopja uffiċjali ta' din il-kundanna ma ġietx mibgħuta u/jew ġiet a konoxxenza tal- Kummissarju tal-Pulizija ġewwa Malta b'konsegwenza illi l-Kummissarju tal-Pulizija kien ħareġ liċenzja ta' gwardjan privat fit- 12 ta' Diċembru 2020 a favur tar-rikorrent stante illi tali kundanna ma kienetx tirriżulta fil-fedina penali tiegħu;*

    c. *Illi sussegwentament meta tali fatt ġie a konoxxenza tal- Kummissarju, huwa eżerċita is-setgħat mogħtija lilu ai termini tal-Kap 389 kif ġia ritenut aktar 'il fuq u ġustament irtira tali liċenza, liema deċiżjoni ġiet komunikata*

*lir-rikorrent fl- 31 ta' Jannar 2023 (kopja annessa Dok. A mar-rikors promotur).*

4. *Illi indubjament u a kuntrarju ta' dak allegat mir-rikorrent, il-kundanna ta' traffikar tad-droga ċertament tinkawdra fl-ambitu "ta' xi delitt kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor" kif prospetat fl-*Artikolu 10(a)(i) *tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta. Tali reat mhux biss huwa kkunsidrat bħala reat mill-aktar serjissimi iżda tali reat jista jattira piena saħansitra ta' għomor ħabs.*[1]

5. *Illi minkejja li huwa veru li r-rikorrent Gaetano Farrugia instab ħati ta' reat minn Qorti estera, l-leġislatur permezz tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta ried jagħti setgħa aktar wiesgħa u di fatti ma llimitax ruħu għal persuni li jkunu nstabu ħatja ta' xi reat minn Qorti Maltija biss iżda il-liġi espressament tobbliga lill Kummissarju jirrifjuta jew jirtira liċenzja ta' gwardjan privat (mingħajr diskrezzjoni) fejn persuna tkun "instabet ħatja f'Malta* ***jew x'imkien ieħor*** *ta' xi delitt" u dan ai termini tal-*artikolu 10(a)(i) tal-Kap 389 tal-Liġijiet *ta' Malta;*

6. *Illi l-fatt li l-istess rikorrent gwadanja minn maħfra presidenzjali ma jibdilx jew jikkanċella l-fatt li huwa nstab ħati u ġie ikundannat fuq traffikar ta' droga mill-Qorti Tuneżija, liema fatt jikkonsisti ċirkostanzi serjissimi u indubjament jikkostitwixxu delitt gravi kif jipprovdi l-Artikolu 10 tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta;*

7. *Illi di piu', l-esponent kien mistħoqq li jibbaża id-deċiżjoni tiegħu ta' revoka tal-liċenza ai termini tal-**Artikolu 10(b) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta** moqri mal-**Artikolu 13 tal-Kap 389**. L-**Artikolu 10(b) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi testwalment illi:*

> *Il-Kummissarju għandu jirrifjuta applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*
>
> *(b) meta dan jikkunsidra li jkun fl-interess pubbliku li jirrifjuta dik il-liċenzja;*

8. *Illi dwar dan il-punt, issir referenza għal-kawża fl-ismijiet* ***David Vincenti vs Kummissarju tal-Pulizija*** *deċiża fl- 4 ta' April 2013 (Rik. 275/2011) fejn dan l-Onorabbli Tribunal kif diversament presedut sab illi l-Kummissarju għamel sew meta ikkunsidra anka reati li l-applikant kien wettaq iżda li dwarhom inħarġet ordni ta' probation (minflok nstab ħati a tenur tal-Artikolu 25(1) tal-Kap 455), sabiex jiġi determinat hekk huwiex o meno fl-interess pubbliku li persuna tingħata liċenza ta' Gwardjan Privat:*

> *It-Tribunal jibda biex josserva li għalkemm ai termini ta` l-Artikolu 25(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta` Malta dikjarazzjoni ta` ħtija għal reat li dwaru ssir Ordni ta` Probation għandha titqies bħala li ma tkunx dikjarazzjoni*

[1] Art. 22 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta

*ta` ħtija għal ebda fini li jkun, ma jfissirx li r-reat in kwistjoni u l-fatturi li wasslu għat-twettiq ta` dak ir-reat ma għandhomx jittieħdu in konsiderazzjoni għall-fini li jiġi determinat jekk huwhiex o meno fl-interess pubbliku li persuna tingħata liċenza ta` Gwardjan Privat. Għalhekk il-Kummissarju tal-Pulizija ġustament ħa dawn il-fatturi in konsiderazzjoni hu u jikkonsidra t-talba tar-Rikorrent għall-ħruġ ta` liċenza ta` Gwardjan Privat*

...

*B'hekk għalkemm ir-rikorrent ċertament ma huwhiex ta` xi minaċċa għas-soċjeta`, u dana partikolarment f'sens kriminali – it-Tribunal ma jqisx li kemm-il darba l-istess rikorrent kellu jingħata liċenza ta` Gwardjan Privat dan ikun ta` ġid għalih u għas-soċjeta`. Konsegwentement għalhekk ma huwhiex fl-interess pubbliku li tinħareġ liċenza ta` Gwardjan Privat favur ir-Rikorrent.*

*Għaldaqstant, għalkemm il-Kummissarju tal-Pulizija ma kienx ġustifikat f'li jiċħad it-talba tar-Rikorrent għall-ħruġ ta' liċenza ta' Gwardjan Privat in bażi għall-Artikolu 10(a)(vi) tal-Kap.389 tal-Liġijiet ta' Malta – ossia in bażi għall-konsiderazzjoni li r-Rikorrent instab ħati f'Malta ta' reat li jaffettwa l-bon ordni tal-familji – l-appell tar-Rikorrent mid-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija notifikata lilu bl-ittra datata 16 ta' Novembru 2011, ma jistħoqqx li jiġi milqugħ in kwantu l-Kummissarju tal-Pulizija kien ġustifikat f'li jiċħad it-talba tiegħu in bażi għall-Artikolu 10(b) tal-Kap.389 tal-Liġijiet ta' Malta – ossia fuq konsiderazzjoni ta' interess pubbliku.*

9. *Illi qiegħed isir pjena referenza għas-sentenza fl'ismijiet* ***Anna Maria Buttigieg vs Kummissarju tal-Pulizija*** *deċiża minn dan l-Onorabbli Tribunal, kif presjedut, fis-17 t'Ottubru 2022 fejn ġie ritenut:*

*Illi filwaqt li t-Tribunal jifhem illi huwa ferm importanti għar-rikorrenti li jkollha impjieg fiss biex timxi 'l quddiem, madanakollu jrid ukoll iqis jekk minn dak kollu li ġie prodott quddiemu jistax serenement jikkonkludi li l-Kummissarju intimat ma kienx raġjonevoli fid-deċiżjoni tiegħu. Biex jasal biex jagħmel hekk, it-Tribunal irid ikollu moħħu mistrieħ li jista' jafda lir-rikorrenti fil-qadi tad-dmirijiet ta' gwardjan privat. Illi kif ġia ingħad kemm-il darba f'sentenzi dwar rifjut ta' liċenzji ta' gwardjani privati, ħafna drabi huwa neċessarju li l-Kummissarju ma jieqafx biss b'ħarsa lejn il-fedina penali, speċjalment meta r-reati kommessi ikunu seħħew snin ferm qabel. Madanakollu, fil-każ*

*preżenti, it-Tribunal iħoss li ma jistax ikollu moħħu mistrieħ li bl-għoti tal-liċenzja lir-rikorrenti l-interess pubbliku se jkun qiegħed jiġi salvagwardjat… "*

10. *Illi in vista tas-suespost, l-esponent għamel sew meta sab li ir-reat li rikorrent ġie ikundannat dwaru ġewwa it-Tuneżija jikkostitwixxi bażi ta' rtirar tal-liċenza ai termini tal-* ***Artikolu 10(b) tal-Liġijiet ta' Malta*** *u dan għaliex żgur mhuwiex fl-interess pubbliku anka meta ibbilanċjat mal-interess personali tar-rikorrent li persuna ikundannata ta' tali reat tant gravi tat-traffikar tad-droga tkun mogħnija b' liċenzja ta' gwardjan privat;*

11. *Illi huwa veru illi is-sentenza ċitata mill-Kummissarju fl-ittra tiegħu u ċioe' li s-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet* ***Repubblika ta' Malta vs Ahmed El Fadali Enan*** *deċiża fit-22 ta' April 2022 (liema deċiżjoni qiegħda tiġi annessa u mmarkata bħala '* ***Dok KP1*** *') ma kienetx fil-konfront tar-rikorrenti, iżda tali sentenza tikkonferma fatti li dwarhom ġie ikundannat ir-rikorrenti ġewwa it-Tuneżija;*

12. *Ill għalhekk, a kuntrarju ta dak perċepit mir-rikorrent fir-rikors tiegħu, mhuwiex veru li d-deċiżjoni tal-Kummissarju ittieħdet a bażi ta' proċeduri kontra imputati oħrajn u wisq anqas a bażi ta' proċeduri li għadhom sub judice;*

13. *Illi id-deċiżjoni tal-Kummissarju intimat, kif ġie spjegat aktar 'il fuq, ġiet meħuda wara li ġew ikkunsidrati l-fatti kollha u iċ-ċirkostanzi kollha relatati mar-rikorrent b'mod partikolari is-sentenza estera li għaddiet in ġudikat;*

14. *Illi b' referenza għal paragrafi ħmistax (15) u sittax (16) tar-rikors promotur tar-rikorrent u ċioe li x-xogħol ta' Gwardjan huwa l-unika mezz ta' għejxien għar-rikorrent, tajjeb jiġi kjarifikat b'kull rispett, illi tali deċiżjoni ma jfissirx illi b'daqshekk ir-rikorrent huwa prekluż li jagħmel kull tip ta' xogħol, iżda jfisser biss illi ma jistax jagħmel xogħol speċifiku ta' gwardjan privat. Jekk hemm xogħol illi r-rikorrent huwa kwalifikat għalih u kapaċi jagħmlu, ħadd ma qiegħed iżomm lir-rikorrent milli jagħmel tali xogħol;*

15. *Illi finalment b'referenza għar-raba' talba hekk kif dedotta mir-rikorrenti, l-esponent jirrileva illi dan l-Onorabbli Tribunal ma jistax jordna lill-Kummissarju intimat sabiex jerġa joħroġ il-liċenzja ta' Gwardjan Privat u dan għaliex il-kompetenza tat-Tribunal hija purament waħda ta' reviżjoni ta' deċiżjonijiet u mhux li jarroga fuqu l-poter deċiżjonali li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi u għaldaqstant tali talba m'għandiex tiġi milqugħa;*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tar-rikorrent fl-interita` tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.*

Ra illi l-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissarju intimat kienet waħda ta' natura preliminari, u għalhekk ġie ordnat li l-istess tiġi trattata u deċiża qabel ma' dan it-Tribunal jidħol fil-mertu;

Sema' lill-Ispettur Sarah Magri, lil Carmen Scerri Lautier u lir-rikorrent;

Ra d-dokumenti kollha ppreżentati;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet fuq l-ewwel eċċezzjoni;

Ra li r-rikors tħalla għal sentenza dwar l-istess eċċezzjoni.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilu permezz ta' ittra datata 31 ta' Jannar 2023, li permezz tagħha ġie mgħarraf bis-segwenti:-

*Għandi ninfurmak li l-liċenzja tiegħek ta' Gwardjan Privat, qed tiġi rtirata skond ma hemm maħsub fl-Artikolu 13(1) tal-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità (Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta). Dan l-irtirar qed isir ai termini tal-Artikoli 10(a)(i) delitt gravi ieħor u 10(b) fl-interess pubbliku, tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Dan qed iseħħ wara li ġiet ikkunsidrata sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali (Ir-Repubblika ta' Malta vs Ahmed El Fadali Enan) liema sentenza ngħatat, nhar it-22 ta' April, 2022, mill-Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., dwar Traffikar ta' Droga li fiha jissemma l-involviment tiegħek, kopja annessa.*

Illi permezz tal-ewwel eċċezzjoni l-Kummissarju intimat eċċepixxa illi l-appell tar-rikorrent huwa tardiv u dan stante li huwa rċieva d-deċiżjoni appellata fl-1 ta' Frar 2023, mentri l-appell ġie ppreżentat fit-2 ta' Marzu 2023.

Illi ai termini tal-artikolu 11 (3) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, meta persuna tħossha aggravata mir-rifjut tal-għoti ta' liċenzja għal gwardjan privat, l-istess persuna tista' tippreżenta rikors quddiem dan it-Tribunal sabiex tinħareġ il-liċenzja. Dan ir-rikors għandu jiġi ppreżentat fi **żmien xahar kalendarju**. Illi l-każ in eżami mhux każ ta' rifjut għall-ħruġ ta' liċenzja iżda rtirar ta' liċenzja li kienet ġiet konċessa mill-Kummissarju intimat. Illi l-irtirar ta' tali liċenzja huwa regolat bl-artikolu 13 tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi t-Tribunal josserva illi permezz tal-Att XXI tal-2020 dan l-artikolu ġie emendat, fis-sens illi s-subartikolu (3) tiegħu ġie mħassar u dak li kien is-subartikolu (4) ġie ri-enumerat bħala s-subartikolu (3). Illi meta dan it-Tribunal aċċeda għal-liġi minn fuq is-sit elettroniku https://legislation.mt/eli/cap/389/mlt sab illi s-subartikolu (3) tal-artikolu 13 jaqra hekk:

*(3) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 11(3) għandhom mutatis mutandis japplikaw għal sottomissjoni magħmula mill-Ministru taħt is-subartikolu (3).*

Illi l-intenzjoni tal-leġislatur bl-introduzzjoni tal-Att XXI tal-2020 kienet li jelimina l-poter u d-diskrezzjoni tal-Ministru ta' l-Intern li jirrevedi deċiżjonijiet tal-Kummissarju intimat wara rifjut, irtirar jew sospensjoni ta' liċenzja għal gwardjan privat. Pero` t-Tribunal jirrileva illi għal xi raġuni l-Artikolu 13 (3) ma jirriflettix dan l-ispirtu u probabilment, bi żvista, għad hemm referenza għall-"Ministru". Illi nonostante dan, it-Tribunal huwa tal-fehma li għandu xorta l-kompetenza li jirrevedi d-deċiżjoni in eżami la darba fl-Artikolu 13 (3) hemm riferenza diretta għall-artikolu 11 (3) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-pern ta' din il-kwistjoni huwa t-tifsira li għandha tingħata lit-terminu "xahar kalendarju". Il-Kummissarju intimat ssottometta illi "xahar kalendarju" għandu jingħata l-istess tifsira li wieħed isib fil-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe`:

***102.Meta ż-żmien legali jew ġudizzjarju għandu jibda jgħodd minn ġurnata stabbilita, dik il-ġurnata ma tingħaddx bħala mdaħħla f'dak iż-żmien; u meta ż-żmien jingħadd bis-sigħat, ma tingħaddx bħala mdaħħla s-siegħa li fiha ssir in-notifika.***

***103.Fil-għadd taż-żmien, il-ġurnata tingħadd ta' erbgħa u għoxrin siegħa, ix-xahar u s-sena jingħaddu skont il-kalendarju.***

Illi r-rikorrent ġie notifikat bir-rifjut fl-1 ta' Frar, 2023 u dana kif stabbilit anke mir-rappreżentant tal-Maltpost plc li xehdet f'dawn il-proċeduri. Kwindi ż-żmien legali beda jiddekorri mit-2 ta' Frar 2023.

Illi fil-fehma tat-Tribunal, it-terminu "xahar kalendarju" jfisser il-perjodu ta' żmien mill-ġurnata partikolari ta' dak ix-xahar sal-ġurnata identika tax-xahar ta' wara i.e. mill-1 ta' Frar sal-1 ta' Marzu huwa xahar kalendarju.

Illi kif ġia` ingħad iktar 'il fuq, ir-rikorrent ġie notifikat bid-deċiżjoni appellata fl-1 ta' Frar 2023. B'applikazzjoni tal-artikolu 102 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[2], it-terminu għar-risposta beda jiddekorri mill-

[2] 102.Meta ż-żmien legali jew ġudizzjarju għandu jibda jgħodd minn ġurnata stabbilita, dik il-ġurnata ma tingħaddx bħala mdaħħla f'dak iż-żmien; u meta ż-żmien jingħadd bis-sigħat, ma tingħaddx bħala mdaħħla s-siegħa li fiha ssir in-notifika

għada, u ċioe` mit-2 ta’ Frar, 2023. Għaldaqstant it-terminu tar-risposta kien jagħlaq fit-2 ta’ Marzu 2023, u ċioe` xahar kalendarju minn meta rċieva d-deċiżjoni tar-rifjut. Mill-atti jirriżulta illi l-appell odjern ġie ntrodott proprju fit-2 ta’ Marzu 2023 u kwindi, fil-fehma tat-Tribunal, ġie ppreżentat fit-terminu stipulat fil-liġi.

Illi għalhekk, it-Tribunal iqis li l-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissarju intimat hija legalment żbaljata.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, qiegħed jaqta’ u jiddeċiedi billi jiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissarju intimat u jiddikjara illi l-appell ġie intavolat *entro* t-terminu preskritt mil-liġi u jordna li l-istess appell ikompli jinstema` fil-mertu.

Spejjeż a karigu tal-Kummissarju intimat.

______________________________

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta’ Reviżjoni Amministrattiva**

_________________

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**